MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-9 ta' April, 2025

Rikors Kostituzzjonali Numru 442/2024 LM

**Liam Debono (Detentur tal-Karta tal-Identità bin-numru 187301(L))**
*('ir-rikorrent')*

***vs.***

**Il-Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat u l-Aġenzija Għajnuna Legali Malta**
*('l-intimati')*

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors Kostituzzjonali mressaq fit-30 ta' Settembru, 2024 mir-rikorrent **Liam Debono (K.I. numru 187301(L))** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrent'], fejn issottometta dan li ġej:

*"**1. Il-fatti***

*1.1. Illi l-esponenti qed jistenna sabiex jgħaddi ġuri fil-proċeduri tal-kas odjern fejn* inter alia *qed jiġi akkużat b'attentat ta' omiċidju;*

*1.2 Illi l-esponent ġie innotifikat bl-att ta' akkuża nhar it-12 ta' Ġunju tas-sena 2020 ġewwa il-ħabs fejn dak iż-żmien kien residenti;*

1.3 *Illi il-Qorti, hekk kif dak iż-żmien preseduta, appuntat is-smigħ fir-rigward għal nhar is-27 ta' Awwissu 2020;*

1.4 *Illi l-avukat li kien jirrappreżenta lil esponenti dak iż-żmien ma daħħalx nota sabiex jissolleva l-eċċezzjonijiet tiegħu u lanqas lista tax-xhieda, hekk kif huwa neċessarju f'dan il-każ, iżda minflok irrinunzja il-patroċinju tal-esponenti nhar is-27 ta' Awwissu tas-sena 2020 stess;*

1.5 *Illi l-esponent ressaq rikors fil-mori tal-kawża sabiex ikun jista' iressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu però dan ġie miċħud;*

1.6 *Illi in eżitu ta' dan l-esponenti ma kellux iċ-ċans iressaq u jissolleva l-eċċezzjonijiet tiegħu fi-żmien ħmistax-il ġurnata tax-xogħol hekk meħtieġ u mitlub mil-liġi. Dawn huma il-fatti fil-qasir ħafna. Issa ser jiġu spjegati l-ilmenti tal-esponenti;*

**2. *L-ewwel ilment: leżjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-esponenti minkejja xewqa li jissottometti l-eċċezzjonijiet tiegħu dan ġie mċaħħad minn tali dritt***;

2.1 *Huwa minnu illi l-intimati, jew min minnhom, jistgħu jargumentaw illi l-Avukat Difensur ma ħassx ħtieġa li huwa jissottometti eċċezzjonijiet preliminari biss però semmai l-istess Avukat Difensur tal-anqas kellu jwieġeb lill-esponenti patroċinat tiegħu fil-ħin, jinfurmah u jidderiġih ma' Avukat tal-Għajnuna Legali ieħor li seta' potenzjalment jappellalu.*

2.2 *Illi wieħed irid ifakkar li l-kawża hija effettivament tal-klijent u mhux tal-Avukat Difensur u għaldaqstant ir-rappreżentanza legali għandha tirrifletti dak li l-patroċinat ikun jixtieq u d-deċiżjoni aħħarija għandha tittieħed konġuntivament bejn l-esponenti u l-Avukat;*

2.3 *L-esponenti la kellu u lanqas jista' jkollu smigħ xieraq u dan għaliex it-terminu sabiex iressaq l-eċċezzjoniet tiegħu issa ormai għadda u ġie deċiż unikament mill-Avukat li jċaħħad lill-istess esponenti mid-dritt li jappella sentenza li huwa effettivament ma qabilx magħha;*

2.4 *B'hekk u b'dan l-aġir, l-esponenti ġie wkoll imċaħħad mid-dritt tiegħu għall-aċċess għal Qorti;*

2.5. *Inoltre l-esponenti ċertament ma kienx konxju mill-konsegwenzi legali kollha dovuti għall-fatt illi l-Avukat warrbu u ma weġibx telefonati kontinwi* da parte *tal-esponenti;*

2.6 *L-esponenti għalhekk isostni illi huwa ma ingħatax smigħ xieraq u ma jistax jingħata smigħ xieraq għaliex tilef dritt li jissottometti nota dwar l-eċċezzjonijiet imsemmija fl-artikolu 449 tal-Kap 9 tal-Liġijet ta' Malta u kull eċċezzjoni dwar l-ammissibbilità tal-provi li jkollu l-ħsieb li jagħti, kif ukoll*

*jindika x-xhieda u jipproduċi d-dokumenti u oġġetti oħra li jkollu l-ħsieb li juża fil-kawża;*

3. ***It-tieni ilment: l-esponenti ma setax ikollu smigħ xieraq u rappreżentazzjoni legali xierqa hekk kif ma kellux aċċess għal-Avukat u ġie mwarrab totalment**;*

3.1 *Illi jidher biċ-ċar li għalkemm l-appellant kif miftihem mal-Avukat tiegħu sabiex dan jassistih b'mod li jkollu difiża adekwata, prattikabbli u effettiva – hekk kif wara kollox hu intitolat kull difensur f'kawżi Kriminali, id-difiża prodotta fil-proċeduri tal-imputat żgur li ma ssodifatx dawn il-kriterji fundamentali tad-Drittijiet tal-Akkużat, tant li ċaħħad lill-esponenti mid-dritt li jissottometti l-eċċezzjoniet kif jidhirlu xieraq u skont il-liġi.*

3.2 *Illi il-fatt li l-appellant ma kellux difiża adegwata wassal biex ma jiġix assigurat id-dritt fundamentali li huwa assodat wkoll fil-Kostituzzjoni ta' Malta, li l-imputat għandu dejjem ikollu difiża xierqa u adegwata.*

3.3 *Illi l-ispirtu tad-dritt Kostituzzjonali surreferit għandu jkun fis-sens ta' difiża adekwata b'remunerazzjoni suffiċjenti mill-Istat sabiex jiġi assigurat li l-istess difiża tkun waħda xierqa.*

4. ***Konklużjoni***

4.1 *Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

(i) *tiddikjara u tiddeċiedi illi l-fatti suesposti jagħtu lok għal-leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

(ii) *konsegwentement tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti hekk kif garantiti taħt il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkluż iżda mhux biss billi, tqiegħed lill-esponenti fil-pożizzjoni illi kien fil-mument li huwa irċieva l-att tal-akkuża, kif ukoll tordna lill-intimati jew min minnhom, iħallsu kumpens u danni sofferti mill-esponenti minħabba vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tagħhom;*

4.2 *Bl-ispejjeż kontra l-intimati."*

2. Rat ir-Risposta tal-intimati **l-Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Ġenerali, l-Avukat tal-Istat** u **l-Aġenzija Għajnuna Legali Malta** [minn issa 'l quddiem rispettivament 'il-Kummissarju intimat', 'l-intimat l-Avukat Ġenerali', 'l-intimat Avukat tal-Istat', u 'l-Aġenzija intimata', u flimkien 'l-intimati'], li ġiet ippreżentata fit-22 ta' Ottubru, 2024, fejn ingħad kif ġej:

*"Jesponu bir-rispett:*

*Ir-rikorrent qiegħed jaffaċċja proċeduri kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Liam Debono** fejn hu mixli* inter alia *b'tentattiv ta' omiċidju volontarju. Fir-rikors tiegħu, ir-rikorrent jallega li wara li ġie notifikat bl-att ta' akkuża relattiva, l-avukat li kellu dak iż-żmien ma ppreżenta ebda nota b'eċċezzjonijiet jew lista ta' xhieda jew dokumenti li kellu l-ħsieb li juża fil-kawża, kif jippermetti l-Artikolu 438 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għalkemm ir-rikorrent talab li jingħata permess iressaq eċċezzjonijiet barra ż-żmien, din it-talba ġiet miċħuda permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti Kriminali fit-22 ta' Lulju, 2024.*

*Permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent qiegħed jallega li ġie, jew x'aktarx ser jiġi vjolat l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ("il-Konvenzjoni Ewropea" / "il-Konvenzjoni").*

1. *Preliminarjament, l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Ġenerali, u l-Aġenzija Għajnuna Legali Malta mhumiex il-leġittimi kontradittturi ta' din l-azzjoni u għalhekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju. Dan jingħad in vista tal-fatt li mir-rikors promotur ir-rikorrent ma allegax xi forma ta' nuqqas partikolari min-naħa tagħhom.*

2. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, jibda billi jiġi mfakkar li f'analiżi ta' jekk seħħitx leżjoni tal-jedd għal smigħ xieraq, wieħed għandu jqis il-proċeduri fit-totalità tagħhom u mhux aspett partikolari f'iżolament. Fil-kawża **Ibrahim et vs. Ir-Renju Unit** (fn. 1: Ibrahim et vs. Ir-Renju Unit (50541/08 50571/08 50573/08 40351/09), Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Awla Manja), 13 ta' Settembru, 2016) ġie ritenut:*

   "250. The right to a fair trial under Article 6 is an unqualified right. **However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case** (see O'halloran and Francs v. The United Kingdom [GC], nos. 15809/02 and 25624/02, § 53, ECHR 2007-III). The Court's primary concern under Article 6 § 1 is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings

(see, among many other authorities, Taxquet v. Belgium [GC], no. 926/05, § 84, ECHR 2010; and Schatschasechwili v. Germany [GC], no. 9154/10, § 101, ECHR 2015).

251. Compliance with the requirements of a fair trial **must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be excluded that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings** (see Can v. Austria, no. 9300/81, Commission's report of 12 July 1984, § 48, Series A no. 96). In evaluating the overall fairness of the proceedings, the Court will take into account, if appropriate, the minimum rights listed in Article 6 § 3, which exemplify the requirements of a fair trial in respect of typical procedural situations which arise in criminal cases. They can be viewed, therefore, as specific aspects of the concept of a fair trial in criminal proceedings in Article 6 § 1 (see, for example, Salduz, cited above, § 50; Gäfgen v. Germany [GC], no. 22978/05, § 169, ECHR 2010; Dvorski, cited above, § 76; and Schatschaschwili, cited above, § 100). **However, those minimum rights are not aims in themselves: their intrinsic aim is always to contribute to ensuring the fairness of the criminal proceedings as a whole** (see Can, cited above, § 48; Mayzit v. Russia, no. 63378/00, § 77, 20 January 2005; and Seleznev v. Russia, no. 15591/03, § 67, 26 June 2008)." [Emfasi tal-esponenti]

*Il-ġuri tar-rikorrent għadu ma ġiex ċelebrat, u anke jekk ikollu eżitu negattiv għalih, ir-rikorrent dejjem għandu l-fakultà li jintavola appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Konsegwentement, l-allegazzjoni tar-rikorrent li hu sofra, jew x'aktarx ser isofri ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq hi kjarament intempestiva u prematura, u għaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha* ai termini *tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu l-esponenti jibdew billi josservaw li r-rikors promotur huwa inkonsistenti u kontradittorju. Filwaqt li l-premessa ġenerali hi bbażata fuq in-nuqqas li jiġu ppreżentati eċċezzjonijiet għall-att ta' akkuża, f'istanzi oħra, ir-rikorrent jilmenta li messu sar xi forma ta' appell (ara paragrafi 2.1, 2.3 u 2.4), iżda mhux ċar minn liema proċeduri dan l-appell kellu jsir. B'mod simili, filwaqt li jilmenta fuq l-aġir tal-avukat difensur li kellu (ara paragrafi 2.1 u 2.3), fl-istess nifs jgħid li hu kien miftiehem mal-avukat tiegħu (ara paragrafu 3.1).*

*Fi kwalunkwe każ, l-Istat Malti ma jistax jinstab responsabbli għan-nuqqasijiet li allegatament seħħew. Ir-rikorrent kellu avukat privat u tal-fiduċja tiegħu, u huma flimkien kellhom jiftehmu x'għandha tkun il-linja difensjonali tiegħu. Ir-relazzjoni professjonali bejn persuna u l-avukat tagħha – bil-wisq aktar meta huwa privatament ingaġġat – hi fundamentalment privata u għalhekk hi xi ħaġa li m'għandux ikun hemm interferenza statali fiha.*

*Jekk verament seħħew in-nuqqasijiet allegati mir-rikorrent – u l-esponenti qegħdin jinsistu li din hi materja serja li għandha tiġi ppruvata minnu inekwivokament – huwa l-avukat in kwistjoni li għandu jwieġeb għalihom, u mhux l-Istat Malti.*

*In kwantu għall-punt li r-rikorrent għandu jedd li jipprepara d-difiża tiegħu, sostantivament dan il-jedd mhuwiex mittiefes. Il-ġuri tar-rikorrent għadu ma ġiex ċelebrat u f'dawk il-proċeduri, il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju raġonevoli filwaqt li r-rikorrent ma hu obbligat jipprova xejn. It-trapass ta' sitt snin mill-akkadut ċertament kien biżżejjed żmien biex ir-rikorrent iħejji d-difiża tiegħu.*

*Lil hinn minn dan kollu, ir-rikorrent ma ressaq ebda ilment ieħor li jimpinġi fuq il-jedd għal smigħ xieraq.*

*Magħdud dan kollu għalhekk, ir-rikorrent ma sofriex u x'aktarx mhux ser isofri ksur tal-Artikolu 6 u għaldaqstant it-talbiet kollha tiegħu għandhom jiġu miċħuda.*

*4. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fi kwalunkwe każ, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*5. Finalment, l-esponenti ma jistgħux ma jirrimarkawx ukoll li din il-kawża hi waħda frivola u vessatorja. Għandu jingħad li apparti dawn il-proċeduri kostituzzjonali, ir-rikorrent kien fetaħ proċeduri oħra fl-2021,* ***Liam Debono ammess għall-patroċinju gratwit vs L-Avukat tal-Istat****, (fn. 2: Liam Debono ammess għall-patroċinju gratwit vs. L-Avukat tal-Istat, Qorti Kostituzzjonali, 24 ta' Ġunju, 2024.) fejn hemm ukoll allega ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-proċeduri penali in diżamina abbażi ta' allegat pubbliċità avversa kontrih fil-*media. *Kemm din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta, kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdu l-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent. Għandu jingħad ukoll li matul dawk il-proċeduri kostituzzjonali, b'sens ta' kawtela kbira, il-Qorti Kriminali qagħdet lura milli tappunta l-ġuri.*

*Ftit jiem biss wara li ngħatat is-sentenza surreferita mill-Qorti Kostituzzjonali, ir-rikorrent qajjem għall-ewwel darba l-fatt li ma kienx ressaq eċċezzjonijiet preliminari u tefa' t-tort fuq l-avukat li preċedentement kien jippatroċinah. Wara li t-talba tiegħu biex jiġi awtorizzat iressaq eċċezzjonijiet barra ż-żmien*

*ġiet miċħuda, ipproċeda b'dawn il-proċeduri kostituzzjonali b'talba għall-ħruġ ta' rimedju provviżorju biex il-ġuri jerġa' jiġi sospiż.*

*Huwa meta jitqies dan il-kuntest li joħroġ ċar li r-rikorrent qiegħed jikkonduċi kampanja sistematika fejn, taħt il-pretest li ġew jew ser jiġu vjolati l-jeddijiet fundamentali tiegħu, qiegħed jagħmel minn kollox sabiex jistultifika l-proċess kriminali miġjub kontrih, li ilu pendenti issa għal aktar minn sitt snin.*

*Minħabba f'hekk, huwa ċar li dawn il-proċeduri huma fiergħa u vessatorji, u għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjarhom bħala tali.*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-20 ta' Novembru, 2024, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-intimati.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

3. Ir-rikorrent jgħid li huwa qiegħed jistenna li jibdew fil-konfront tiegħu proċeduri quddiem ġuri, fejn fost affarijiet oħra huwa qiegħed jiġi akkużat b'attentat ta' omiċidju. Jispjega li huwa kien ġie notifikat bl-att tal-akkuża fit-12 ta' Ġunju, 2020, ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, fejn huwa kien residenti dak iż-żmien, u l-proċeduri fil-fatt kienu ġew appuntati għat-27 ta' Awwissu, 2020. Huwa jirrileva li l-avukat li kien qiegħed jirrappreżentah madankollu naqas li jippreżenta nota bl-eċċezzjonijiet u bl-elenku tax-xhieda tiegħu, u minflok irrinunzja għall-patroċinju tiegħu fis-27 ta' Awwissu, 2020. Sussegwentement fil-mori tal-proċeduri msemmija, huwa kien ippreżenta talba lill-Qorti Kriminali

sabiex jiġi awtorizzat li jressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu, iżda din it-talba tiegħu kienet ġiet miċħuda. Fir-rigward ta’ dan kollu huwa qiegħed iressaq tliet ilmenti li huma kif ġej: (a) L-ewwel ilment tiegħu huwa li meta ġiet miċħuda t-talba tiegħu sabiex jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu, dan kien jikkostitwixxi ksur tad-dritt għal smigħ xieraq kif protett taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem [minn issa ‘l quddiem ‘il-Konvenzjoni Ewropea’]. Jissottometti li filwaqt li l-intimati jistgħu jressqu l-argument li l-avukat difensur tiegħu seta’ kkunsidra li ma kienx hemm il-ħtieġa li jiġu ppreżentati eċċezzjonijiet preliminari, madankollu l-avukat li kien qiegħed jippatroċinah dak iż-żmien, kellu jwieġbu fil-ħin, jinfurmah u jidderiġih ma’ avukat tal-Għajnuna Legali li seta’ jiddeċiedi li jippreżenta appell, sabiex b’hekk ukoll ġie mċaħħad mid-dritt tiegħu għall-aċċess għall-Qorti; (b) It-tieni lment tar-rikorrent huwa li ma setax ikollu smigħ xieraq u rappreżentanza legali xierqa, ġaladarba ma kienx assistit minn avukat, u ġie mwarrab għal kollox. Jikkontendi li d-difiża fil-proċeduri in kwistjoni, ċaħditu mid-dritt li jissottometti l-eċċezzjonijiet kif kien jidhirlu xieraq u skont il-liġi, u dan billi ma kinitx waħda adegwata, prattikabbli u effettiva skont id-dritt fundamentali tiegħu sanċit ukoll mill-Kostituzzjoni ta’ Malta [minn issa ’il quddiem ‘il-Kostituzzjoni’], u li tassigura li imputat għandu jkollu difiża xierqa u adegwata b’remunerazzjoni suffiċjenti. Għaldaqstant ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara u tiddeċiedi li dawn il-fatti jwasslu għal ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea trasposta fil-liġi Maltija permezz tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta’ Malta. Konsegwentement jitlob lill-Qorti wkoll sabiex tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u direttivi li tikkunsidra xierqa sabiex twettaq jew tiżgura li jitwettqu d-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti mill-Konvenzjoni Ewropea, billi fost affarijiet oħra tqiegħdu fil-pożizzjoni li huwa kien meta rċieva l-att tal-akkuża, u

tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu kumpens u danni sofferti minnu riżultat tal-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, bl-ispejjeż ukoll.

4. L-intimati qegħdin iressqu s-segwenti eċċezzjonijiet: (a) preliminarjament il-Kummissarju intimat, l-intimat l-Avukat Ġenerali u l-Aġenzija intimata mhumiex leġittimi kontradditturi għaliex ir-rikorrent m'allega l-ebda nuqqas partikolari fil-konfront tagħhom; (b) meta jiġi mistħarreġ ilment ta' leżjoni tal-jedd għal smigħ xieraq, għandhom jitqiesu l-proċeduri fit-totalità tagħhom, u għalhekk fejn il-ġuri tar-rikorrent għadu ma sarx, u huwa għandu d-dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali, l-ilment tiegħu huwa wieħed intempestiv u prematur; (ċ) ir-rikors promotur huwa inkonsistenti u kontradittorju, iżda jekk tassew seħħew l-allegati nuqqasijiet min-naħa tal-avukat tiegħu, huwa dan li għandu jwieġeb u mhux l-Istat Malti; (d) mingħajr preġudizzju u fi kwalunkwe każ, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt; (e) il-proċeduri odjerni huma frivoli u vessatorji, fejn ir-rikorrent kien ukoll intavola proċeduri oħra fl-2021 fl-ismijiet **Liam Debono ammess għall-patroċinju gratwit *vs.* L-Avukat tal-Istat**, fejn huwa allega ksur tad-dritt tiegħu ta' smigħ xieraq fl-istess proċeduri kriminali in eżami minħabba allegata pubbliċità negattiva fil-konfront tiegħu fil-*media,* iżda liema lment ġie miċħud minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta, u mill-Qorti Kostituzzjonali, filwaqt li l-Qorti Kriminali qagħdet lura milli tappunta l-ġuri għas-smigħ. Imbagħad ir-rikorrent kien qajjem il-kwistjoni li huwa ma kienx ressaq eċċezzjonijiet preliminari, u sussegwentement intavola l-proċeduri odjerni. L-intimati għalhekk jikkontendu li jirriżulta li r-rikorrent qiegħed jagħmel minn kollox sabiex iwaqqaf il-proċess kriminali fil-konfront tiegħu, li ilu pendenti għal aktar minn sitt snin; (f) salv eċċezzjonijiet ulterjuri; u (ġ) bl-ispejjeż.

**Provi u riżultanzi**

5. Permezz ta' nota ppreżentata fit-22 ta' Ottubru, 2024, ir-rikorrent **Liam Debono** esebixxa affidavit tiegħu stess.[1] Fl-imsemmi affidavit huwa kkonferma li kien qiegħed jistenna sabiex jgħaddi proċeduri ta' ġuri, fejn fost affarijiet oħra huwa akkużat b'attentat ta' omiċidju. Irrileva li huwa kien irċieva l-att tal-akkuża fit-12 ta' Ġunju, 2020, waqt li kien residenti fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin ġewwa *Division 13,* u huwa kien informa lill-avukat difensur tiegħu l-avukat Dustin Camilleri bl-imsemmi att. Ir-rikorrent spjega li huwa kien miftiehem mal-avukat Camilleri li kien ser jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet u elenku tax-xhieda għan-nom tiegħu, imma waqt l-udjenza quddiem il-Qorti Kriminali, huwa sar jaf li l-avukat difensur tiegħu ta' dak iż-żmien l-avukat Dustin Camilleri ma kienx ippreżenta l-imsemmija nota, u t-terminu kien skada, u l-imsemmi avukat saħansitra rrinunzja l-patroċinju tiegħu. Isostni li peress li huwa kien jinsab residenti fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, huwa ma seta' jagħmel xejn iktar minn dak li għamel.

6. Waqt l-udjenza tal-20 ta' Novembru, 2024, xehdet **Stephania Calafato Testa**, Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, prodotta mir-rikorrent. Hija esebiet kopja tal-att tal-akkuża numru 2/2020 u l-atti sussegwenti tal-proċeduri fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta *vs.* Liam Debono**, liema dokumenti ġew immarkati flimkien bħala 'Dok. SCT'.[2]

7. Waqt l-istess udjenza, xehed ukoll **l-avukat Dustin Camilleri**, prodott mill-intimati.[3] Ix-xhud ikkonferma li huwa kellu l-professjoni ta' avukat, u dan wara li rċieva l-*warrant* fis-sena 2016. Stqarr li l-iktar li kien intiż kien fil-liġi penali.

---

[1] *A fol.* 12.
[2] *A fol.* 29 *et seq.*
[3] *A fol.* 237 *et seq.*

Qal li r-rikorrent kien klijent tiegħu, u huwa dak iż-żmien kien qiegħed jassistih fil-proċeduri fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta *vs.* Liam Debono**, wara li kien inkarigah privatament fi stadju avvanzat tal-kumpilazzjoni. Spjega li bejn id-data tat-12 ta' Ġunju, 2020, li fiha l-marixxal ikkonferma li nnotifika lir-rikorrent bl-att tal-akkuża, sas-seduta ta' quddiem il-Qorti, huwa ma kellu l-ebda komunikazzjoni mar-rikorrent fir-rigward tal-eċċezzjonijiet. Ix-xhud irrileva li qabel dik id-data huwa kien spjega lir-rikorrent x'tgħid il-liġi, billi qallu wkoll sabiex jinfurmah hekk kif jirċievi l-att tal-akkuża, għaliex kien hemm terminu. Dakinhar qal li huma ftehmu dwar il-pagament għas-servizzi tiegħu. Spjega li fis-27 ta' Awwissu, 2020, anzi wisq probabbli l-ġurnata ta' qabel, huwa kien qiegħed quddiem l-Imħallef Giovanni Grixti fil-Qorti Kriminali fuq każ ta' klijent ieħor, meta lemaħ lir-rikorrenti. Staqsih x'kien qiegħed jagħmel hemm, u dan qallu r-raġuni kienet li riedu jiddeċiedu dwar id-data tal-ġuri. Ix-xhud qal li huwa staqsih jekk kienx irċieva l-att tal-akkuża, u dan wieġbu li kien irċieva xi karti. Ix-xhud staqsih għalfejn ma kienx kellmu, u r-rikorrent wieġbu li huwa kien staħa minnu għaliex kien għadu ma għamillu l-ebda pagament. Ix-xhud qallu li din ma kinitx kwistjoni ta' flus, u kien diġà avżah li kellu jgħidlu mill-ewwel. Huwa kkonferma mal-atti u sab li t-terminu kien skada, u dak il-ħin stess informa lill-imħallef li huwa ma setax ikompli jidher għall-klijent tiegħu għaliex dan ma kienx infurmah, u b'hekk ukoll ippreżenta nota ta' rinunzja. In kontro-eżami qal li huwa kien żar lir-rikorrent tliet darbiet ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, imma dan qabel ma ġie nnotifikat bl-att tal-akkuża. Ikkonferma li huwa qatt ma tkellem mal-familjari tar-rikorrent, u huwa ma kellux numru tal-*mobile* tagħhom. Spjega li mhux daqstant possibbli li kien hemm ċirkostanzi fejn ir-rikorrent ċempillu u huwa ma weġibx. Dak iż-żmien huwa kellu inqas klijenti, u xi tnejn jew tlieta biss minnhom kienu jinsabu arrestati ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, u wieħed minnhom kien ir-rikorrent. B'hekk kien faċli li

jkun jaf min minnhom ċempel u għandu bżonn xi ħaġa. Barra minn hekk normalment fejn residenti ma jirnexxielhomx jagħmlu kuntatt, huma jgħidu lil tar-*records* biex jinfurmaw lill-avukat. Dan skont l-esperjenza tiegħu. Ix-xhud qal li l-fatt li r-rikorrent ma kienx ċempillu dak iż-żmien, huwa kkunsidrah bħala normali f'kuntest ta' *time-frame.* Irrileva li Liam Debono kien l-uniku klijent li kien qiegħed jistenna li jirċievi l-att tal-akkuża dak iż-żmien, u l-impressjoni li huwa kellu tar-rikorrent ma kinitx ta' bniedem imprevedibbli.

**Konsiderazzjonijiet legali**

8. Il-Qorti tikkunsidra li taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea, ir-rikorrent bħala akkużat fi proċeduri ta' natura kriminali huwa garantit id-dritt li jiddefendi ruħu f'dawk il-proċeduri, anki permezz ta' assistenza legali magħżula minnu jew mogħtija lilu, fejn huwa ma jkollux il-mezzi li jħallas għall-assistenza legali. L-imsemmi subartikolu jipprovdi testwalment kif ġej:

> *"3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*
>
> *...*
>
> *ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk".*

9. Fil-każ odjern ma jirriżultax li r-rikorrent kien qiegħed jiddefendi lilu nnifsu, u lanqas ma jirriżulta li huwa kien ingħata mill-Istat il-benefiċċju tal-assistenza legali bla ħlas, li skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem [minn issa 'il quddiem 'il-QEDB'] għandha mhux biss tiġi offruta, iżda għandha tkun effettiva sabiex tassew jintlaħaq l-iskop tas-subinċiż (ċ) tas-subartikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea. Minn dak li qal ir-rikorrent fl-

affidavit tiegħu stess, u kif ikkonfermat mill-avukat Dustin Camilleri fix-xhieda tiegħu, kien proprju r-rikorrent li fl-istadju tal-proċeduri ta' kumpilazzjoni kien avviċina lill-imsemmi avukat difensur sabiex jassistih. L-avukat Dustin Camilleri xehed li huma saħansitra kienu ftehmu dwar kif kellu jitħallas għas-servizzi tiegħu. Għalhekk mill-ewwel jirriżulta li l-Kummissarju intimat u l-Aġenzija intimata mhumiex leġittimi kontradittturi tal-proċeduri odjerni ntavolati fil-konfront tagħhom mir-rikorrent.

10. Iżda l-Qorti tagħraf li skont il-ġurisprudenza tal-QEDB, anki fil-każ li r-rikorrent jagħżel li jiddefendi ruħu billi jinkariga avukat difensur tal-għażla tiegħu, l-Istat għandu obbligi ulterjuri fil-konfront tal-imsemmi rikorrenti, sabiex b'hekk f'din l-eventwalità wkoll jiġi assigurat smigħ xieraq. Tagħraf ukoll li l-obbligi tal-Istat f'każijiet bħal dak odjern, huma anqas onerużi minn dawk fejn jingħata l-benefiċċju tal-assistenza legali, u l-Istat mhuwiex mistenni jissindika kull aġir tal-avukat difensur, għar-raġuni li l-professjoni legali hija għal kollox indipendenti mill-imsemmi Stat, li bl-ebda mod ma jista' jingħad li għandu l-jedd u saħansitra d-dover li jiċċensura lill-avukat difensur. Hawnhekk il-QEDB tagħraf ukoll li d-difiża tal-akkużat issir skont kif miftiehem bejn l-avukat difensur u l-akkużat stess, anki fejn jingħata l-benefiċċju tal-assistenza legali, u għalhekk l-Istat m'għandux jindaħal.[4] Iżda l-Istat huwa mistenni li jassigura li fejn l-akkużat m'għandux assistenza legali effettiva kif magħżula minnu, huwa għandu proċeduri approprji u rimedji xierqa a dispożizzjoni tiegħu, kemm sabiex tiġi assigurata l-preżenza tal-avukat difensur tiegħu, u anki billi huwa jkun jista' jissana l-pożizzjoni tiegħu riżultanti mill-ineffikaċja tal-imsemmi avukat difensur tiegħu. Il-Qrati hawnhekk ukoll huma mistennija li ma jieħdux rwol passiv, għaliex jispetta lilhom li jassiguraw il-parteċipazzjoni tad-

[4] Ara QEDB, Imbroscia v. Switzerland, App. 13972/1988, 24.11.1993, u Sannino v. Italy, 30961/03, 27.04.2006.

difensur legali tal-akkużat, u fin-nuqqas li dan ikun debitament infurmat b'kull stadju tal-proċeduri sabiex b'hekk l-akkużat jkun jista' jagħmel difiża tajba. Jekk l-avukat difensur tiegħu xorta waħda jibqa' lura milli jidher u jippreżenta d-difiża tal-klijent tiegħu, filwaqt li l-akkużat jingħata wkoll l-opportunità li jidher debitament assistit mod ieħor, dan tal-aħħar ma jistax jattribwixxi t-tort ta' difiża fqira lill-Qrati u lill-Istat. Jingħad ukoll li l-QEDB dejjem sostniet li għandu jiġi kkunsidrat jekk minkejja kull allegat nuqqas fid-difiża tal-akkużat, il-proċeduri fl-intier tagħhom kienux ipprovdew smigħ xieraq.

11. Madankollu n-nuqqas tal-avukat difensur li jaġixxi sabiex jiddefendi l-akkużat, ma jistax ikun attribwibbli lill-aġir tal-akkużat stess, jekk l-ilment ta' ksur tad-dritt sanċit mis-subartikolu 6(3) tal-Konvenzjoni għandu jirnexxi. Fil-każ odjern il-Qorti tqis li jirriżulta li huwa r-rikorrent waħdu li jaħti għan-nuqqasijiet fid-difiża tiegħu, għaliex huwa baqa' passiv mingħajr ma għamel l-ebda tentattiv sabiex jikkomunika mal-avukat difensur tiegħu hekk kif ġie notifikat bl-att tal-akkuża bil-għan li titħejja d-difiża tiegħu. Jirriżulta li r-rikorrent kien ukoll naqas li jonora l-ftehim mal-avukat difensur tiegħu għall-ħlas tad-dritt tiegħu, iżda ma jirriżultax li dan kien għaliex huwa ma kellux il-mezzi neċessarji. Il-Qorti tagħraf li għalkemm l-avukat difensur tiegħu kien wissieh li huwa għandu jikkomunika mill-ewwel miegħu hekk kif jirċievi l-att tal-akkuża, kif jirriżulta mill-provi, huwa ma ħa l-ebda pass sabiex jikkomunika miegħu jew tah xi struzzjonijiet ulterjuri hekk kif, jew wara, li deher quddiem il-Qorti Kriminali.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi filwaqt li tilqa' limitatament it-tielet eċċezzjoni tal-intimati, tiċħad it-talbiet tar-rikorrent.**

**Bl-ispejjeż kontra l-imsemmi rikorrent.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**